**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 16 – 6 ta' Marzu 2013**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' b' urġenza fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-6.30 ta' filgħaxija sabiex issir Aġenda numru 16. Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Roderick Aquilina | Kunsillier |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| | Cain Grech | Kunsillier |
| | Catherine Sammut | Kunsilliera |
| | Robert Tabone | Kunsillier |
| Skużati: | Thomas Agius | Viċi-Sindku |
| Assenti: | George Cortis | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |
| | Philip Gatt | Project Manager |
| Pubbliku: | Għal-laqgħa kien hemm preżenti l-avukati tal-Kunsill Dr. Anġlu Farrugia u Dr. Caroline Farrugia. | |

Is-Sindku Alfred Grixti qal it-talba. Is-Sindku spjega li għal din il-laqgħa kien hemm preżenti l-avukati tal-Kunsill Dr. Anġlu Farrugia u Dr. Caroline Farrugia sabiex jispjegaw l-pożizzjoni legali tal-Kunsill fil-konfront tal-kuntratturi Bonnici Bros.

## 1. PUBLIC PRIVATE PARTNERSHIP – SITWAZZJONI ĦAL MULA

1.1. Il-laqgħa tal-Kunsill ġiet sospiża sabiex il-Kunsill jidħol fi stadju ta' kumitat sabiex l-Avukat tal-Kunsill jagħmel il-preżentazzjoni tiegħu. Il-laqgħa ġiet sospiża fis-6.35pm.

1.2. Il-laqgħa tkompliet fis-7.40pm.

1.3. Wara l-preżentazzjoni tal-avukat ġie diskuss liema xogħol kien għadu mhux lest.

1.4. Il-Kunsilliera Catherine Sammut talbet li tkun taf jekk hux possibli li l-Kunsill jitlob l-intervent ta' min kien intervjena d-darba l-oħra. Hija qalet li ma tafx min intervjena imma taf li kien hemm intervent.

1.5. Il-Kunsilliera Catherine Sammut talbet li tkun taf jekk fl-eventwalita li jiġi tterminat il-kuntratt ta' Bonnici Bros, jekk il-kuntrattur li jingħata x-xogħol ikunx responsabli wkoll mix-xogħol li sar ħażin. Is-Sindku wieġeb li l-kuntrattur li eventwalment jingħata x-xogħol ma jkunx responsabli mix-xogħol ħażin li għamel ħaddieħor. Is-Sindku kompla jgħid li wara li jiġi terminat il-kuntratt huwa kien dubjuż kemm Bonnici Bros kienu se jsewwu x-xogħol li sar ħażin u għalhekk kien ferm importanti li l-Kunsill jagħmel it-testijiet li kien hemm qbil fuqhom li għandhom isiru. Is-Sindku qal li fl-opinjoni tiegħu il-kuntratt għandu jiġi tterminat u assenjat lill-kuntrattur tal-kunsill responsabli mill-manutenzjoni tat-toroq fil-lokalità għax it-*terms of reference tal-kuntratt* tal-manutenzjoni tat-toroq jippermettu li jsir dan.

1.7. Il-Kunsilliera Catherine Sammut ikkummentat li jekk ma tingħatax garanzija li t-triq tagħha terġa ssir hi kienet se tivvota kontra, għax hi ma kienitx se tħalli l-valur tad-dar tagħha jinżel bil-konsegwenza li ma tistax tbiegħ id-dar tagħha.

1.8. Il-Kunsillier Roderick Aquilina esprima d-dubji tiegħu dwar kemm il-kuntrattur responsabli mill-manutenzjoni tat-toroq urbani għandu l-makkinarju neċessarju biex jagħmel dan ix-xogħol. Il-Kunsilliera Sammut qalet li anke jekk għandu l-makkinarju neċessarju, jekk ma tingħatax garanzija li t-triq tagħha terġa ssir, hija kienet se tivvota kontra.

1.9. Is-Sindku Alfred Grixti qal li huwa tal-opinjoni li l-Kunsill għandu jimxi mal-istrateġija li kien qiegħed jipproponi l-avukat.

1.10. Il-Kunsillier Roderick Aquilina qal li l-Kunsilliera Sammut setgħat isserraħ rasha għax l-avukat assigura li għalkemm il-Kunsill għamel xi ħlasijiet lill-kuntrattur fuq it-triq tagħha, jekk it-testijiet juru li x-xogħol ma kienx tajjeb, il-Kunsill xorta kellu d-dritt li jfittex lill-kuntrattur.

1.11. Is-Sindku Alfred Grixti qal li wara li l-Kunsill ikkunsidra s-sitwazzjoni kif żviluppat, wara li l-Kunsill irċieva ittra fejn il-kuntrattur qiegħed jgħid b' mod ċar li jinjora d-default notice, u li wara li ttieħdu l-pariri legali opportuni u l-Kunsilliera kellhom l-opportunità li jsaqsu l-mistoqsijiet tagħhom lill-avukat, huwa kien qiegħed iressaq mozzjoni sabiex il-Kunsill jittermina l-kuntratt tal-kuntrattur Bonnici Bros skond it-termini tal-istess kuntratt li għandu mal-Kunsill u li mbagħad eventwalment il-Kunsill jipproċedi sabiex jitqabdu kuntratturi oħra sabiex ikomplu x-xogħolijiet pendenti u dan bla

preġudizzju li l-Kunsill ikompli jfittex lill-kuntrattur għal fejn sar ix-xogħol ħażin.

1.12. Il-Kunsillier Roderick Aquilina qal li huwa se jivvota favur din il-mozzjoni, a bażi tal-parir tal-avukat tal-Kunsill, jiġifieri li l-Kunsill ma għandu xejn x' jitlef u mhu se joħroġ xejn minn butu jekk jiġi terminat il-kuntratt. Il-Kunsillier Aquilina qal li xtaq iżid ukoll li l-kuntrattur li jintgħażel sabiex jagħmel ix-xogħolijiet li għad fadal ħa jkun qiegħed jagħmel tajjeb għalih il-kuntrattur Bonnici Bros skond il-kuntratt innifsu. Il-Kunsillier Roderick Aquilina qal li huwa jżomm quddiem għajnejh dejjem il-ġid tar-resident u jekk il-Kunsill jimxi mal-parir ta' Dr. Farrugia, ir-residenti kien se jmur aħjar milli jekk il-Kunsill jibqa jiġġieled ma' Bonnici Bros.

1.13. Il-Kunsillier Cain Grech qal li dan il-pass fl-aħħar mill-aħħar ħa jsir għar-residenti u qal li kien qiegħed jistenna li l-kuntrattur li ħa jieħu x-xogħol l igħad fadal għandu jagħmel xogħol serju u ta' kwalità tajba, u l-kriterji tal-kuntratt għandhom ikunu ħorox.

1.14. Is-Sindku Alfred Grixti qal li formalment kien qiegħed jipproponi li wara d-diskussjoni li saret, u wara li l-Kunsill ħa l-pariri legali opportuni, kien qiegħed jipproponi sabiex il-Kunsill jittermina l-kuntratt tal-Public Private Partnership ta' Bonnici Bros, anke in vista tal-aħħar ittra li rċieva l-Kunsill fejn il-kuntrattur għażel li jinjora t-tieni default notice. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Roderick Aquilina. Ittieħed vot;

Dawk Favur; Is-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Roderick Aquilina, Cain Grech, Robert Tabone.

Dawk Kontra; Il-Kunsilliera Catherine Sammut

Astensjonijiet; Ħadd

Il-mozzjoni ġiet approvata (76).

1.15. Il-Kunsillier Duncan Bartolo daħal għal-laqgħa fit-8pm.

1.16. Il-laqgħa spiċċat fit-8.05pm.

| | |
|---|---|
| Alfred Grixti | Christopher Formosa |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |